# NINVESTU FL-EDUKAZZJONI BIEX NELIMINAW IL-FAQAR



EDWARD SCICLUNA / Ministru għall-Finanzi



L-edukazzjoni hija ċ-ċavetta għall-mobbiltà soċjali

Biex il-ġid li jipproduċi l-pajjiż jitqassam aħjar, waħda mill-indikaturi li għandna fuq il-faqar huwa l-persentaġġ ta’ persuni li d-dħul tagħhom huwa inqas minn ċertu linja u b’hekk isibuha diffiċli jgħixu l-ħajja normali.

Indikatur ieħor huwa li jħares lejn is-sinjuri tal-pajjiż; jekk pereżempju 1% ta’ dawk il-familji l-iktar li jaqilgħu flus jaqilgħu daqs 30% tad-dħul tal-pajjiż, dan jirriżulta f’nuqqas ta’ ekwità kbira u għalhekk, tirrealizza li hemm allokazzjoni mhux ekwa. Dawn huma indikaturi validi. Imma x’tagħmel? L-ewwel hemm min jgħidlek biex tintaxxa lis-sinjuri li hija faċli li wieħed jgħidha iżda diffiċli li twettaqha.

Kien hemm ħafna gvernijiet fi Franza u fl-Ingilterra fejn pereżempju għamlu li r-rata tat-taxxa fuq il-*footballers* jew artisti minħabba li dawn jaqilgħu il-miljuni fis-sena tkun għolja ħafna. Din il-miżura kienet waslet biex dawn l-individwi emigraw f’pajjiż ieħor fosthom fil-gżejjer tal-Karibew fejn ir-rata ta’ taxxa hija aktar baxxa.

B’hekk, mhux biss il-gvernijiet ma laħqux l-għanijiet tagħhom, iżda tilfu wkoll id-dħul li kienu jiġu intaxxati bħallikieku kienu b’rata normali u għalhekk xorta waħda kien idaħħal xi ħaġa l-Gvern.

Kien hemm min issuġġerixxa lil dawn il-gvernijiet biex jagħmlu taxxa qawwija fuq min għandu jott lussuż; l-istess hemmhekk, is-sidien ta’ dawn l-opri tal-baħar bdew jirreġistrawh f’port ieħor. L-istess ġie suġġerit fuq kowtijiet tal-*fur* jew fuq affarijiet ta’ lussu fosthom djamanti; imbagħad tara lil dawn in-nies jivvjaġġaw bil-*jet* privat tagħhom. U fejn taħsbu li se jixtruhom dawn il-prodotti lussużi? F’dan il-każ, dawn in-nies meta jivvjaġġaw mhumiex se jimportawh (id-djamant) biex wara jkollhom imorru jiddikjarawh u jħallsu d-dazju lid-dwana; l-istess japplika għall-kowt tal-*fur*.

Kien hemm min issuġġerixxa biex jiġu intaxxati l-kumpaniji; b’mod partikolari kumpaniji ġganteski li jrendu l-miljuni fuq profitti. Ir-raġunament kien tipo dawn il-għala inqas milli jħallas kull wieħed u waħda minna. Però dan jista’ jwassal biex ma jkunx hawn investiment fil-pajjiż bħalma jiġri f’pajjiżi bħal Franza u l-Ġermanja għall-fatt li l-investitutri jitwerwru minn dik it-taxxa għolja li tista’ twassal biex anke bħala kumpanija tista’ taffaċċja ċerti problemi.

Min-naħa tagħna bħala Gvern kien għalhekk li ħadna azzjoni mhux f’dak li jirrigwardja taxxa imma għamilna minn kollox biex nindirizzaw il-faqar b’mod ieħor. Iżda kif għamilna dan?

Aktar kmieni din il-ġimgħa nnotajna kif sal-aħħar ta’ Mejju li għadda, in-numru ta’ nies qiegħda f’Malta naqas bi kważi 7% meta kkomparat mal-istess xahar tas-sena ta’ qabel. Dan is-suċċess ekonomiku huwa grazzi għall-għaqal u l-bżulija ta’ dan il-Gvern; illi malli kiseb il-fiduċja tal-elettorat, kien minn ta’ quddiem nett biex jindirizza il-faqar. Sitwazzjoni li fi żmien amministrazzjonijiet preċedenti din kienet biss perċezzjoni!

Waħda mill-fatturi ewlenin li jikkawżaw il-faqar huma n-nuqqas ta’ xogħol. Ma nistgħu qatt ninsew kif sa ftit tas-snin ilu, f’Malta kien hawn eluf ta’ familji qiegħda jew l-aktar l-aktar kien hemm min kien jaħdem iżda xorta waħda baqa maħkum fil-faqar minħabba l-prekarjat!

Biex jindirizza l-prekarjat, dan il-Gvern beda jagħti l-għajnuna lil dawn in-nies kemm dawk qiegħda, kif ukoll dawk li kienu qed jgħixu bil-paga minima. Din is-sitwazzjoni prekarja ġiet indirizzata minn dan il-Gvern permezz ta’ għajnuniet għall-familji bħaċ-*child care* b’xejn, u aktar investiment fl-edukazzjoni bil-għan li din tal-aħħar tilħaq aktar tfal u żgħażagħ minn kull faxxa tas-soċjetà.

Apparti li saħħaħna l-istipendji u saħansitra qegħdin nagħtu stipendju anke lil dawk l-istudenti li rrepetew sena, dan il-Gvern qed ikompli jtaffi mijiet ta’ ewro lill-familji li għandhom it-tfal li se jkunu ħa jagħmlu l-eżamijiet tal-O Level u l-A Level. Eżamijiet importanti li jwittu t-triq lil dawn it-tfal u ż-żgħażagħ għall-futur tagħhom. Permezz ta’ dawn it-tip ta’ inċentivi, il-Gvern tassew qiegħed juri kemm huwa impenjat biex jgħin lil kwalunkwe persuna timxi ’l quddiem u mhux tibqa’ maħkuma fl-istess skaluna.

L-edukazzjoni hija għodda siewja li sservi biex l-individwu jimxi ’l quddiem f’ħajtu li jwassal għal kwalità ta’ ħajja aħjar ta’ dak li jkun; u huwa b’hekk li wieħed jasal f’punt fejn joħroġ miċ-ċirku tal-faqar. Evidentament, il-miżuri tal-Gvern qegħdin jixhdu kemm din il-problema qiegħda tiġi indirizzata *long term*.

Mill-miżuri li introduċa dan il-Gvern tul dawn l-aħħar sitt snin, kwalunkwe familja li kienet fil-faxxa vulnerabbli bi dħul baxx, iffrankat eluf ta’ ewro fi spejjeż billi ġew indirizzati u pprovduti minn dan il-Gvern. Dan kollu seta’ jkun possibbli grazzi għall-bżulija mill-miżuri li ttieħdu biex b’hekk illum il-ġurnata qegħdin ngħixu f’*surplus* li minnu qegħdin igawdu l-familji Maltin u Għawdxin.

Minkejja dawn l-avvanzi fl-industrija tax-xogħol li kulma jmur qiegħed iwassal għal tkabbir ekonomiku b’saħħtu, ma nistgħu qatt naqtgħu linja dritta. Ta’ min wieħed jinnota kif il-pensjonanti huma klassi ta’ nies li qegħdin f’riskju ta’ faqar.

Għal dan il-għan, il-Gvern minn erba’ snin ilu lil hawn kulma jmur kompla jżid fil-pensjonijiet bil-għan li huma wkoll igawdu mis-*surplus* li qed jirreġistra pajjiżna. Apparti minn hekk, neħħejna t-taxxa fuq il-pensonijiet li jfisser li dawn l-anzjani bejniethom qegħdin igawdu minn titjib fil-pensjoni tagħhom ta’ għaxar miljun ewro.

Ta’ min wieħed isemmi li għat-tielet darba konsekuttiva, l-anzjani qegħdin igawdu mill-bond tal-Gvern ta’ 62+ fejn qegħdin jinvestu flushom u jaqilgħu rata ta’ mgħax ogħla minn dik li qegħdin joffru s-servizzi kummerċjali. Minn din l-iskema qegħdin jibbenefikaw aktar minn 21,000 anzjan u anzjana li qed iwassal biex dawn il-pensjonanti ipparteċipaw f’total ta’ €300 miljun f’bonds.

Faxxa oħra ta’ nies li huma fil-mira tal-faqar huma l-morda, individwi bi sfidi ta’ saħħa mentali, bi tbatijiet fiżiċi kif ukoll dawk li għandhom xi nuqqasijiet. F’dan ir-rigward, il-Gvern ukoll qed joffri l-għajnuniet neċessarji skont il-mezzi tiegħu.

Iżda minn dan kollu, il-klassi tal-faqar dejjem tibqa’ fejn hi? Il-veru soċjalista jemmen li għandu jkun hemm ugwaljanza dejjiema u din tista’ sseħħ permezz tal-mobilità soċjali.

Dan il-Gvern kontinwament qiegħed jgħin lil dawk il-familji li jkunu fil-faxxa vulnerabbli ħalli b’hekk joħorġu miċ-ċirku tal-faqar. Dawk l-ulied qed ikollhom il-faċilità li bl-inċentivi li qed joffri l-Gvern – iċ-*childcare*, eżamijiet kif ukoll trasport għall-iskejjel u anke dak pubbliku b’xejn kif ukoll aktar tisħiħ fl-istipendji qegħdin jitilgħu s-sellum ħalli b’hekk jimxu ’l quddiem skont l-abilità tagħhom u b’hekk ilaħħqu daqs ħaddieħor li ġej minn familji tat-tajjeb.

Dan kollu huwa biss possibbli permezz tal-edukazzjoni: iċ-ċavetta li tiftaħ il-bibien għal aktar opportunitajiet u anke tagħti lok għal mobilità soċjali li kull ċittadin u familja minn kwalunkwe faxxa qed tagħtiha l-libertà u l-abilità li timxi ’l quddiem skont ix-xewqha u l-abilità tagħha.

B’dan il-mod biess wieħed jista’ jara li l-ġid verament jitqassam bl-aktar mod ekwu u aħjar.